**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 442/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stephen Gulia)**

**(Spettur Andy Rotin)**

**vs.**

**Daryl Mark Pace**

Illum il-25 ta' Frar 2025

Il Qorti:

Rat illi tressaq b'arrest Daryl Mark Pace, ta' 29 sena, iben Silvio (Saviour) Pace u Liza nee' Grima, imwieled Pietà nhar id-29 ta' Awwissu 1992, residenti Blk. J, Flat 5, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun, detentur tal-karta ta' l-identità Maltija bin-numru 440092M.

Akkużat talli:

1. Nhar l-14 t'Awwissu 2022 għal ħabta ta' bejn it-16:55Hrs u 17:10Hrs minn ġewwa l-istabbiliment 'Izibet' li jinsab sitwat ġewwa Triq Ħal Qormi, Marsa ikkommetta serq ta' flus kontanti, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta' Tellyon Grech u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Tellyon Grech kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħla jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi waqt illi kien qiegħed jagħmel reat kontra il-persuna jew tas-serq kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjoni jew imitazzjoni tagħhom.

4. Nakkużawh talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Ġunju 2022 u 23 ta' Ġunju 2022 minn ġewwa l-istabbiliment 'Marlaw Hairstylist' li jinsab sitwat ġewwa Triq Ħal Qormi, Marsa, ikkommetta flimkien ma' persuni oħra serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Doreen (Dolores Anna) Zahra u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

5. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi f'dawn il-għejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D fid-digriet tagħha li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

6. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni huwa fuq indikati.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-18 ta' Awwissu 2022, ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.[1]

Rat li l-Avukat Ġenerali nhar il-15 ta' Marzu 2024 ippreżenta formalment l-artikoli tal-ġudizzju ta' liema l-imputat għandu jiġi aġġudikat minn din il-Qorti u jinstab ħati u ċioe:

1. Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ), 262, 263, 267, 275, 276, 277, 278, 279(a) u 280 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 86 u 87(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 55(a), 56 u 57 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f), 262, 263, 267, 270, 276, 277, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Folio 4-5 ta' l-atti proċesswali

6. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2024, din il-Qorti, wara li ġew moqrija l-istess artikoli tal-ġudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[3]

Rat illi waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar 2025 l-imputat Daryl Mark Pace b'mod volontarju rreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiduċja tiegħu u jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u, jekk ikun il-każ, jerġa lura minnha.[4]

Rat li l-imputat reġa' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[5]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u li a tenur

[2] Folio 479-480 ta' l-atti proċesswali
[3] Folio 481 ta' l-atti proċesswali
[4] Folio 520 ta' l-atti proċesswali
[5] Folio 520 ta' l-atti proċesswali

ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ppruvati.

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha nhar l-21 ta' Marzu 2024[6].

Rat id-digriet u kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest esibit mill-prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat Daryl Mark Pace mogħti nhar id-19 ta' Mejju 2017 mill-Maġistrat Dottor Natasha Galea Sciberras.[7]

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha nhar il-21 ta' Marzu 2024.[8]

Rat il-fedina penali ta' l-imputat datata 17 ta' Awwissu 2022.[9]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2025[10].

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[11].

[6] Folio 481 ta' l-atti proċesswali
[7] Dok. LZX1, Folio 454 ta' l-atti proċesswali
[8] Folio 481 ta' l-atti proċesswali
[9] Dok. LZ1, Folio 10-12 ta' l-atti proċesswali
[10] Folio 521-525 ta' l-atti proċesswali
[11] Folio 520 ta' l-atti proċesswali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ jirrigwarda żewġt serqiet aggravati, waħda li tmur lura għal-lejl ta' bejn t-22 u t-23 ta' Ġunju 2022 minn ġewwa l-istabbiliment 'Marlaw Hairstylist', Triq Ħal Qormi, Marsa, u oħra li tmur lura għal l-14 ta' Awwissu 2022 minn ġewwa l-stabbiliment 'Izibet' sitwat ġewwa 69, Triq Ħal Qormi, Marsa.

Minn l-investigazzjonijiet tal-pulizija, ġie arrestat u mressaq l-imputat Daryl Mark Pace b'rabta ma' dawn is-serqiet.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizzjonata ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2025 din il-Qorti m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti fil-konfront tiegħu u għalhekk ser tgħaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[12]

Illi għal-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali ta' l-imputat aġġornata sas-17 ta' Awwissu tas-sena 2022.[13] Sa dak in-nhar il-fedina penali ma kienitx netta u fiha jinsabu reġistrati diversi sentenzi.

[12] Folio 520 ta' l-atti proċesswali
[13] Dok. LZ1, Folio 10-12 ta' l-atti proċesswali

2. L-imputat ma ammettiex fl-ewwel okkażjoni li seta' u fl-aktar stadju bikri. Fil-fatt irreġistra ammissjoni fi stadju avvanzat tal-proċeduri u ċioe wara sentejn u nofs minn l-inizju tal-proċeduri, wara l-ħruġ ta' l-artikoli tal-ġudizzju minn l-Avukat Ġenerali u kif ukoll wara l-għeluq tal-provi tal-prosekuzzjoni.[14]

3. Il-Qorti qieset il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[15], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[16], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[17] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[18].

4. Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, stante li l-Qorti kienet għadha ma bdietx il-proċess li tevalwa l-provi, tqis li l-ammissjoni ta' l-imputat saret fi stadju raġonevoli u għandha titqies bħala attenwanti favur l-imputat.

5. Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi fi żmien il-kummissjoni tar-reat l-imputat kien maħkum mill-vizzju tad-droga. Dan hekk kif ikkonfermat mill-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni finali.

7. Il-Qorti ikkunsidrat il-gravità tar-reati li l-imputat qed jammetti għalihom partikolarment li ż-żewġt serqiet huma ikkwalifikati bil-valur (Art. 267), bil-mezz (Art. 263) u bil-vjolenza (Art. 262), u fil-każ tas-serqa minn 'Marlaw Hairstylist' ukoll bil-ħin (Art. 270).

---

[14] Folio 520 ta' l-atti proċesswali
[15] Qorti Kriminali deċiża 24 ta' Frar 1997
[16] Qorti tal-Appell Kriminali, 7 ta' Lulju 2002
[17] Thomson Reuteurs, S-29
[18] Blackstone Press Limited – 2006 edition

8. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li s-serq minn 'Izibet' kien akkumpanjat bis-sekwestru tal-persuna ta' Tellyon Grech u kwindi skond l-artikolu 275 tal-Kodiċi Kriminali din ġġib magħha l-piena ta' priġunerija minn sena (1) sa erba' (4) snin. Iżda skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 277(b) meta s-serq ikun ikkwalifikat ukoll bil-mezz, il-Qorti hija marbuta li żżid il-piena bi grad jew tnejn.

9. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li s-serq minn 'Marlow Hairstylist' kien ikkwalifikat bil-vjolenza u skond l-artikolu 276 tal-Kodiċi Kriminali dan iġorr miegħu piena ta' disa' (9) xhur sa tliet (3) snin priġunerija. Iżda, b'żieda għal dan, stante li r-reat kien ukoll ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-ħin, l-artikolu 277(a) jiddisponi li l-piena imsemmija ma tistax tingħatax fil-minimu tagħha.

10. Illi skond l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li l-piena m'għandhiex tingħata fil-minimu, il-piena li għandha tingħata għandha dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu.

11. Il-Qorti ħadet nota wkoll tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali u wara li rat il-fedina penali ta' l-imputat tinnota li dan mhux l-ewwel darba li l-imputat qed jinstab ħati tar-reat ta' serq u kwindi huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti li iżżid "*fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi*"[19].

12. Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u ċioe r-reat ta' sekwestru ta' persuna bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus, skond t-termini ta' l-artikoli 86 u

[19] Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

87(e) tal-Kodiċi Kriminali dan iġib miegħu l-piena ta' priġunerija minn tlettax (13)-il xahar sa sitt (6) snin.

13. Illi fis-sottomissjonijiet tagħha l-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tikkundanna lill-imputat għal tlett snin priġunerija effettivi mid-data tas-sentenza u kif ukoll sabiex tqiegħdu taħt Ordni ta' Trattament skont l-artikolu 412D sabiex jindirizza l-problema tad-droga. Il-prosekuzzjoni talbet ukoll sabiex jingħata ordni ta' kumpens favur id-derubati.

14. Illi d-difiża abbraċjat ma' din il-pożizzjoni u qablet fis-sħiħ mal-piena ssuġġerita lill-Qorti.

15. Illi l-Qorti ma hija bl-ebda mod marbuta ma' dak li pproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Illi l-Qorti ikkunsidrat fit-tul dwar il-konkors tar-reati f'dan il-każ u l-gravità tagħhom fil-komputazzjoni tal-piena li għandha tiġi inflitta in linea mad-disposti ta' l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9.

17. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe, "*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*".

18. Illi minn dak li rat u eżaminat il-Qorti jirriżulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat iżda trid ssib bilanċ bejn il-gravità tal-każ u l-ħarsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-soċjetà in ġenerali sabiex tara li dan ir-reat ma jerġax jiġi kommess kif ukoll tagħti

l-ħarsien meħtieġa lil pubbliku u dan fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ il-każ.

19. Finalment, il-Qorti tinnota li minkejja li l-imputat ingħata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruħu huwa xorta baqa' jgħix ħajja fil-kriminalità. Għaldaqstant, tqis li m'għandhiex alternattiva għajr li tippronunzja piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tiegħu.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A, 17, 18, 20, 23, 31, 49, 50, 86, 87(e), 261(a)(b)(ċ)(f), 262, 263, 267, 270, 275, 276, 277, 278, 279(a), 280, 281, 289, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B, 533, 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 55(a), 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil Daryl Mark Pace fuq ammissjoni tiegħu stess **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu w tikkundannah terminu ta' priġunerija komplessiv ta' **tlett (3) snin** li minnhom għandhom jitnaqqsu dawk ġia skontati taħt arrest preventiv.

L-imputat qed jiġi ukoll ikkundannat għall-ħlas ta' multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (**€116.47**).

In oltre, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta qed tissospendi kwalunkwe liċenzja li jista' għandu l-imputat, u tipprojbih milli jkollu kwalunkwe tip ta' liċenzja, taħt il- Kapitolu 480 għal perjodu ta' sena; u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 56 ta' l-istess Kapitolu 480 il-Qorti qed tordna l-konfiska ta' l-arma u l-munizzjon sekwestrati mill-pulizija.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija (Weapons Office)

In oltre, il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-*corpus delicti* li ntuża waqt il-kommissjoni ta' dan id-delitt.

In oltre, il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A u 28H(2) tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati iħallas u jirrifondi fi żmien **sitt (6) xhur** mill-llum is-somma ta' sitt mija u erba' Ewro (**€604**) lill-*management* ta' 'Izibet', Triq Ħal Qormi, Marsa, u kif ukoll is-somma ta' elf, mitejn u żewġt Ewro (**€1,202**) lil Doreen (Dolores Anna) Zahra. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Commented [AS1]: The manager Chris Baldacchino did not testify. The prosecution produced Tellyon Grech who is an employee.

In oltre, peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu u ta' **tlett (3) snin** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabbiltà tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali tordna l-ħruġ ta' **Ordni ta' Trażżin** kontra l-ħati a favur ta' Tellyon Grech u ta' Doreen (Dolores Anna) Zahra għal perjodu ta' **tlett (3) snin** mid-data tar-remissjoni tal-piena u li għandha tagħti effett għal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412Ċ(3)(6)(8)-(11) tal-Kodiċi Kriminali li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt illi mhux qed tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat, tordna li s-somma ta' ħamsin Ewro (€50) imsemmija bħala garanzija personali jgħaddu a favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment, fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'każ ta ħtija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati sabiex fi żmien sentejn mil-lum iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż kollha tal-esperti maħtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' ħamest elef, mija u tlieta u sebgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmi **(€5,173.28**) kwantu għal:

1. €265.50 - Rapport ta' Dr. Martin Bajada FIAP., LL.B., LL.D.[20];
2. €320.84 - Relazzjoni tal-A.I.C. Richard Aquilina[21];
3. €1,102.59 - Relazzjoni tal-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco B.A. LL.D.[22];
4. €3,201.15 - Relazzjoni tal-Perit Tekniku John Sacco PG.D. S.R.M. (Leic.)[23];
5. €283.20 - Relazzjoni tal-Espert Forensiku Dr. Marisa Cassar Ph.D, B.Pharm (Hons), MBA (Henley)[24].

Komunika: Reġistratur tal-Qorti

Il-Qorti, ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

---

[20] Dok. MB1, Folio 156-162 ta' l-atti proċesswali
[21] Dok. RA1, Folio 257-271 ta' l-atti proċesswali
[22] Dok. SFS1, Folio 277-288 ta' l-atti proċesswali
[23] Dok. JS4, Folio 366-389 ta' l-atti proċesswali
[24] Dok. MC1, Folio 425-429 ta' l-atti proċesswali

**Mogħtija illum nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**